Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 900/2007**

tas-27 ta' Lulju 2007

dwar sejħa permanenti għall-offerti biex ikunu deċiżi r-rifużjonijiet fuq esportazzjonijiet ta' zokkor abjad sa tmiem is-sena kummerċjali 2007/08

(ĠU L 196, 28.7.2007, p. 26)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1298/2007 tas-6 ta' Novembru 2007	L 289	3	7.11.2007

▼B

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 900/2007

tas-27 ta' Lulju 2007

dwar sejħa permanenti għall-offerti biex ikunu deċiżi r-rifużjonijiet fuq esportazzjonijiet ta' zokkor abjad sa tmiem is-sena kummerċjali 2007/08

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 318/2006/KEE ta' l-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 23(4) u 40(1)(ġ) tiegħu,

Billi:

(1) Fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-suq Komunitarju u dak dinji taz-zokkor, għandha tinfetaħ stedina permanenti għal offerti għall-esportazzjoni taz-zokkor abjad sa tmiem is-sena kummerċjali 2007/2008 li, b'kunsiderazzjoni tal-varjazzjonijiet possibbli fil-prezzijiet dinjin taz-zokkor, għandha tipprovdi għad-determinazzjoni tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni.

(2) Ir-regoli ġenerali li jirregolaw l-istediniet għall-offerti bl-iskop li jiġu ddeterminati r-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni taz-zokkor stabbiliti mill-Artikolu 32 tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 għandhom jiġu applikati.

(3) Sabiex ma jkunx hemm abbuż marbut ma' l-importazzjoni jew l-introduzzjoni mill-ġdid fil-Komunità ta' prodotti tas-settur taz-zokkor li kkwalifikaw għar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni, ebda rifużjoni ta' l-esportazzjoni ma għandha tiġi stabbilita għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent.

(4) F'konformità ma' l-Artikoli 32 u 33 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006, jistgħu jiġu stabbiliti rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni biex ikopru d-distakk kompetittiv bejn l-esportazzjonijiet Komunitarji u dawk ta' pajjiżi terzi. L-esportazzjonijiet tal-Komunità lejn ċerti destinazzjonijiet fil-qrib u lejn pajjiżi terzi li jagħtu trattament preferenzjali ta' l-importazzjoni lil prodotti tal-Komunità, preżentament huma f'pożizzjoni kompetittiva partikolarment favorevoli. Għalhekk, ir-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni lejn dawk id-destinazzjonijiet għandhom jitneħħew.

(5) Fid-dawl tan-natura speċifika ta' l-operat, għandhom jiġu stipulati d-dispożizzjonijiet xierqa fir-rigward tal-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa f'rabta ma' l-istedina permanenti għall-offerti, partikolarment fir-rigward ta' l-iskadenza għall-ħruġ tal-liċenzji, il-perjodu ta' validità tagħhom, l-ammont tal-garanzija u l-kwantità li għaliha l-obbligu għall-esportazzjoni li jirriżulta mil-liċenzja jkun ġid sodisfatt. Madankollu, ir-Regolament tal-Kummissjoni tad-9 ta' Ġunju 2000 (KE) Nru 1291/2000 li jistabbilixxi regoli dettaljati komuni għall-applikazzjoni tas-sistema tal-liċenzji ta' l-importazzjoni u ta' l-esportazzjoni u ta' ċertifikati ta' ffissar bil-quddiem għal prodotti agrikoli ([2]) u r-Regolament tal-Kummissjoni tad-19 ta' Jannar 1989 (KEE) Nru 120/89 li jistabbilixxi regoli komuni dettaljati għall-applikazzjoni tal-*levies* u l-ħlasijiet

([1]) ĠU L 58, 28.2.2006, p. 1. Ir-Regolament kif modifikat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 247/2007 (ĠU L 69, 9.3.2007, p. 3).

([2]) ĠU L 152, 24.6.2000, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1913/2006 (ĠU L 365, 21.12.2006, p. 52).

▼B

ta' esportazzjoni fuq prodotti agrikoli ([1]) għandhom ikomplu japplikaw.

(6) Id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jissostitwixxu, fir-rigward ta' l-istediniet parzjali għall-offerta minn Awwissu 2007, dawk tar-Regolament tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ġunju 2006 (KE) Nru 958/2006 dwar stedina permanenti għall-offerti biex jiġu determinati r-rifużjonijiet fuq l-esportazzjonijiet taz-zokkor abjad għas-sena kummerċjali 2006/2007 ([2]). Għal finijiet ta' trasparenza u ċarezza legali, għaldaqstant, dak ir-Regolament għandu jiġi revokat b'effett mill-1 ta' Awwissu 2007.

(7) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma f'konformità ma' l-opinjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni għaz-Zokkor,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

▼M1

1. Ser tinfetaħ sejħa permanent għall-offerti sabiex jiġu determinati rifużjonijiet fuq esportazzjoni ta' zokkor abjad kopert mill-kodiċi tan-NM 1701 99 10 għad-destinazzjonijiet kollha inklużi:

a) pajjiżi terzi: Andorra, is-Santa Sede (l-Istat tal-Vatikan), Liechtenstein, l-Albanija, il-Kroazja, il-Bosnja u l-Ħerzegovina, dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, is-Serbja ([3]) u l-Montenegro;

b) it-territorji ta' l-Istati Membri ta' l-UE li ma jagħmlux parti mit-territorju doganali tal-Komunità: Ġibiltà, Ceuta, Melilla, il-Komuni ta' Livigno u Campione d'Italia, Heligoland, Greenland, il-Gżejjer Faeroe u ż-żoni tar-Repubblika ta' Ċipru fejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Ċipru ma jeżerċitax kontroll effettiv.

Matul il-perjodu tal-validità ta' din is-sejħa permanenti msemmija fl-ewwel subparagrafu, ser joħorġu sejħiet parzjali għall-offerti.

▼B

2. Is-sejħa għall-offerti permanenti għandha tibqa' miftuħa sal-25 ta' Settembru 2008.

Artikolu 2

1. L-avviż tas-sejħa għall-offerti għandu jiġi ppubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjail ta' l-Unjoni Ewropea*. Fuq din il-bażi, l-Istati Membri għandhom ifasslu avviż tas-sejħa għall-offerti li huma jistgħu jippubblikaw jew iġiegħlu li jiġi ppubblikat xi mkien ieħor.

2. L-avviż għandu jindika, b'mod partikolari, it-termini tas-sejħa għall-offerti.

3. L-avviż jista' jiġi emendat matul il-perjodu tal-validità tas-sejħa permanenti għall-offerti. Għandu jiġi emendat jekk it-termini ta' l-istedina għall-offerti jinbidlu matul dak il-perjodu.

Artikolu 3

1. Il-perjodu li matulu l-offerti jistgħu jiġu ppreżentati b'rispons għall-ewwel stedina parzjali għall-offerti għandu:

([1]) ĠU L 16, 20.1.1989, p. 19. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1847/2006 (ĠU L 355, 15.12.2006, p. 21).
([2]) ĠU L 175, 29.6.2006, p. 49. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) 203/2007 (ĠU L 61, 28.2.2007, p. 2).
([3]) Inkluż il-Kosovo, taħt l-awspiċji tan-Nazzjonijiet Uniti, skond ir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU ta' l-10 ta' Ġunju 1999.

▼B

(a) jibda fl-1 ta' Awwissu 2007;

(b) jispiċċa fid-9 ta' Awwissu 2007 fil-10:00, ħin lokali ta' Brussell.

2. Il-perjodi li matulhom l-offerti jistgħu jiġu ppreżentati b'rispons għat-tieni stedina parzjali għall-offerti u għal stediniet parzjali sussegwenti għandhom:

(a) jibdew fl-ewwel jum tax-xogħol wara d-data ta' skadenza tal-perjodu ta' qabel;

(b) jispiċċaw fl-10:00, ħin lokali ta' Brussell:

— fit-30 ta' Awissu 2007,

— fit-13 u s-27 ta' Settembru 2007,

— fil-11 u l-25 ta' Ottubru 2007,

— fit-8 u t-22 ta' Novembru 2007,

— fis-6 u l-20 ta' Diċembru 2007,

— fl-10 u l-31 ta' Jannar 2008,

— fl-14 u t-28 ta' Frar 2008,

— fit-13 u s-27 ta' Marzu 2008,

— fl-10 u l-24 ta' April 2008,

— fit-8 u d-29 ta' Mejju 2008,

— fit-12 u s-26 ta' Ġunju 2008,

— fl-10 u l-24 ta' Lulju 2008,

— fis-7 u t-28 ta' Awwissu 2008,

— fil-11 u l-25 ta' Settembru 2008.

Artikolu 4

1. L-offerti marbuta ma' din il-proċedura tas-sejħiet għall-offerti għandhom jiġu indirizzati lill-awtorità kompetenti fi Stat Membru permezz tal-faks jew bil-posta elettronika, bil-kundizzjoni li l-aġenzija kompetenti taċċetta dawn il-modi għat-trażmissjoni.

L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru jistgħu jirrikjedu li l-offerti elettroniċi jkunu akkumpanjati b'firma elettronika bil-quddiem fi ħdan it-tifsira tad-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill Nru 1999/93/KE ([1]).

2. L-offerti jkunu validi biss jekk jiġu sodisfatti dawn il-kondizzjonijiet:

a) L-offerti għandhom jindikaw:

i) il-proċedura li għaliha tirrelata l-offerta (Nru 1/2007) u l-istedina parzjali;

ii) l-isem, l-indirizz u n-numru tal-VAT ta' min jitfa' l-offerta;

iii) il-kwantità ta' zokkor abjad li jrid jiġi esportat;

iv) l-ammont tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni, għal kull 100 kilogramma ta' zokkor abjad, espress f'ewro sa tliet punti deċimali;

v) l-ammont tal-garanzija li għandha tingħata skond l-Artikolu 5(1) li tkopri l-kwantità ta' zokkor indikat fi (iii), espress fil-munita ta' l-Istat Membru fejn tkun ġiet ippreżentata l-offerta;

([1]) ĠU L 13, 19.1.2000, p. 12.

▼B

b) tkun ipprovduta prova qabel jiskadi ż-żmien stabbilit għal preżentazzjoni ta' l-offerti li min tefa' l-offerta jkun ippreżenta l-garanzija indikata fl-offerta;

c) il-kwantità li għandha tiġi esportata ma tkunx inqas minn 250 tunnellata ta' zokkor abjad;

d) l-offerti jinkludu dikjarazzjoni minn min jitfa' l-offerta li jekk l-offerta tiegħu tirnexxi, huwa japplika għal liċenzja jew liċenzji ta' l-esportazzjoni fir-rigward tal-kwantitajiet ta' zokkor abjad li għandhom jiġu esportati fil-perjodu ta' żmien stipulat fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(2);

e) l-offerti jinkludu dikjarazzjoni minn min jitfa' l-offerta li l-prodott għall-esportazzjoni huwa zokkor abjad ta' kwalità aċċettabbli, tajba u adatta għas-suq, li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1701 99 10;

f) l-offerti jinkludu dikjarazzjoni minn min jitfa' l-offerta li jekk l-offerta tiegħu tirnexxi, huwa:

i) meta l-obbligu għall-esportazzjoni li jirriżulta mil-liċenzja ta' l-esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2) ma jiġix sodisfatt, għandu jżid mal-garanzija l-ħlas ta' l-ammont imsemmi fl-Artikolu 12(3),

ii) fi żmien 30 jum wara l-iskadenza tal-liċenzja ta' l-esportazzjoni kkonċernata, għandu jinnotifika l-aġenzija li tkun ħarġet il-liċenzja bil-kwantità jew il-kwantitajiet li għaliha/għalihom ma tkunx intużat il-liċenzja.

3. Offerta li ma tintbagħtx skond il-paragrafi 1 u 2, jew li jkun fiha kundizzjonijiet differenti minn dawk indikati f'din l-istedina għall-offerti, m'għandhiex titqies.

4. Ladarba ppreżentata, offerta ma tistax tiġi rtirata.

5. Offerta tista' tistipula li hija għandha titqies li ntbagħtet jekk waħda minn dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, jew it-tnejn li huma, jkunu sodisfatti biss:

(a) ir-rifużjoni massima ta' l-esportazzjoni tkun stabbilita fil-jum ta' l-iskadenza tal-perjodu għall-preżentazzjoni ta' l-offerti kkonċernati;

(b) l-offerta, jekk tirbaħ, tkun marbuta ma' parti speċifikata tal-kwantità offruta jew ma' kollha kemm hi.

Artikolu 5

1. Garanzija ta' EUR 11 għal kull 100 kilogramma ta' zokkor abjad li għandu jiġi esportat skond din l-istedina għall-offerti għandha tiġi ddepożitata minn kull min jitfa' offerta.

Mingħajr ħsara għall-Artikolu 12(3), meta offerta tirnexxi, din il-garanzija għandha ssir il-garanzija għal-liċenzja ta' l-esportazzjoni fil-waqt ta' l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2).

2. Il-garanzija msemmija fil-paragrafu 1 tista' tiġi ddepożitata skond kif jagħżel min għamel l-offerta, jew fi flus kontanti jew fl-għamla ta' garanzija mogħtija minn stabbiliment li jikkonforma mal-kriterji stipulati mill-Istat Membru li fih tkun ġiet sottomessa l-offerta.

3. Il-garanzija msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi rilaxxata:

(a) fil-każ ta' tenderers li ma jkollhomx suċċess fir-rigward tal-kwantità li għaliha ma tkun saret l-ebda għotja;

(b) fil-każ ta' tenderers li jkollhom suċċess li ma applikawx għall-liċenzja rilevanti ta' l-esportazzjoni fil-perjodu msemmi fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 11(2), b'rata ta' EUR 10 għal kull 100 kilogramma ta' zokkor abjad;

▼B

(c) fil-każ ta' tenderers li jkollhom suċċess għall-kwantità li għaliha jkunu issodisfaw, fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikoli 31(b) u 32(1)(b)(i) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, l-obbligu ta' l-esportazzjoni li jirriżulta mil-liċenzja msemmija fl-Artikolu 11(2) ta' dan ir-Regolament skond il-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 35 tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

Fil-każ imsemmi f'(b) ta' l-ewwel subparagrafu, il-parti rilaxxabbli tal-garanzija għandha titnaqqas, skond kif ikun applikabbli, bid-differenza bejn l-ammont massimu tar-rifużjoni ta' esportazzjoni ffissat għall-istedina parzjali kkonċernata u l-ammont massimu tar-rifużjoni ta' esportazzjoni ffissat għall-istedina parzjali li jkun imiss, meta l-ammont ta' l-aħħar ikun ogħla minn dak ta' qabel.

Ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, il-parti tal-garanzija jew il-garanzija li ma tkunx rilaxxata għandha tiġi ċeduta fir-rigward tal-kwantità taz-zokkor li għaliha l-obbligi korrispondenti ma jkunux ġew sodisfatti.

4. Fil-każijiet ta' *force majeure*, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru kkonċernat għandha tieħu azzjoni għar-rilax tal-garanzija skond kif tqis meħtieġ wara li tqis iċ-ċirkostanzi li tinvoka l-parti kkonċernata.

Artikolu 6

1. L-offerti għandhom jiġu eżaminati fil-privat mill-awtorità kompetenti kkonċernata. Il-persuni preżenti waqt l-eżaminazzjoni għandhom ikunu taħt obbligu li ma jiżvelawx dettalji dwar dawn.

2. L-offerti mressqa skond dan ir-Regolament għandhom ikunu kkomunikati, jekk ikunu eliġibbli, lill-Kummissjoni mill-Istati Membri mingħajr ma jissemmew b'isimhom dawk li tefgħu l-offerti u għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien siegħa u nofs mill-iskadenza ta' kull ġimgħa għat-tressiq ta' l-offerti stipulata fl-avviż ta' l-istedina għall-offerti.

Meta ma titressaq ebda offerta, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dan fl-istess perjodu ta' żmien.

Artikolu 7

1. Wara li jkunu ġew eżaminati l-offerti ppreżentati, tista' tiġi ffissata kwantità massima għall-istedina parzjali kkonċernata.

2. Tista' tittieħed deċiżjoni li ma ssir l-ebda għotja għal stedina parzjali speċifika għall-offerti.

Artikolu 8

1. Jekk il-Kummissjoni tiddeċiedi li tagħti għotja skond il-proċedura għall-offerti parzjali, hija għandha tistabbilixxi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, l-ammont massimu tar-rifużjoni ta' l-esportazzjoni. Dan l-ammont għandu jiġi ffissat fid-dawl ta' l-istat kurrenti u l-iżvilupp prevedibbli tas-suq Komunitarju u dak dinji taz-zokkor.

2. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 9, għandu jingħata kuntratt lil kull min jitfa' offerta li tikkwota rata ta' rifużjoni daqs jew inqas mit-tali rifużjoni massima.

Artikolu 9

1. Fejn kwantità massima tkun ġiet iffissata għal stedina parzjali għall-offerti, il-kuntratt għandu jingħata lil dak li l-offerta tiegħu tkun tikkwota l-iktar rifużjoni baxxa. Jekk il-kwantità massima ma tkunx

▼B

koperta kollha b'dik l-għotja, għandhom isiru għotjiet oħra lil min għamel offerta f'ordni axxendenti tar-rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni kkwotati sakemm tkun koperta l-kwantità massima kollha.

2. Meta għotja lil tenderer partikolari skond il-paragrafu 1 twassal biex tinqabeż il-kwantità massima, l-għotja għandha tiġi limitata għall-kwantità li tkun għadha disponibbli. Meta żewġ tenderers jew aktar jikkwotaw l-istess rifużjoni, u tingħatalhom kollha offerta, u dan iwassal biex tinqabeż il-kwantità massima, il-kwantità disponibbli għandha tiġi allokata lit-tenderers ikkonċernati f'wieħed mill-modi li ġejjin:

(a) permezz ta' qsim fost it-tenderers proporzjonalment mal-kwantitajiet totali f'kull waħda mill-offerti tagħhom, jew

(b) permezz ta' tqassim fost it-tenderers b'referenza għat-tunnellaġġ massimu ffissat għal kull wieħed minnhom, jew

(c) billi tittella' lotterija.

Artikolu 10

1. L-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru konċernat għandha tinnotifika minnufih lill-applikanti bir-riżultat tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-istedina għall-offerti. Għandha wkoll tibgħat dikjarazzjonijiet dwar l-għotjiet lil dawk li l-offerti tagħhom jirnexxu.

2. Dikjarazzjonijiet dwar l-għotjiet għandhom jindikaw mill-inqas:

(a) il-proċedura li għaliha tirrelata l-offerta;

(b) il-kwantità ta' zokkor abjad li trid jiġi esportata;

(c) l-ammont, espress f'ewro, tar-rifużjoni ta' esportazzjoni li għandha tingħata għal kull 100 kilogramma ta' zokkor abjad tal-kwantità msemmija f'(b).

Artikolu 11

1. Kull min jitfa' offerta li tirnexxi għandu jkollu d-dritt li jirċievi, fiċ-ċirkostanzi msemmija fil-paragrafu 2, liċenzja ta' esportazzjoni li tkopri l-kwantità mogħtija, li tindika r-rifużjoni ta' l-esportazzjoni kkwotata fl-offerta.

2. Kull min jitfa' offerta li tirnexxi għandu jkun obbligat li jiddepożita, skond id-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000, applikazzjoni għal liċenzja ta' l-esportazzjoni fir-rigward tal-kwantità li ngħatatlu, fejn l-applikazzjoni ma tkunx rivokabbli b'deroga mill-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 120/89.

L-applikazzjoni għandha ssir mhux iktar tard minn:

(a) l-aħħar jum tax-xogħol qabel id-data ta' l-istedina parzjali għall-offerti fil-ġimgħa ta' wara;

(b) jekk ma tkunx se ssir stedina parzjali għall-offerti dik il-ġimgħa, l-aħħar jum tax-xogħol tal-ġimgħa ta' wara.

3. Kull min jitfa' offerta li tirnexxi huwa obbligat jesporta l-kwantità fl-offerta u, jekk dan l-obbligu ma jiġix sodisfatt, għandu jħallas, meta jkun meħtieġ l-ammont imsemmi fl-Artikolu 12(3).

4. Id-drittijiet u l-obbligi msemmija fil-paragrafi 1, 2 u 3 ma għandhomx ikunu transferibli.

Artikolu 12

1. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-perjodu ta' validità tal-liċenzji, għandu japplika l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (KE) Nru 1291/2000.

▼B

2. Il-liċenzji ta' l-esportazzjoni maħruġa f'konnessjoni ma' stedina parzjali għall-offerti għandhom ikunu validi mill-jum tal-ħruġ sa tmiem il-ħames xahar kalendarju wara dak li fih tkun inħarġet l-istedina parzjali.

3. Ħlief f'każijiet ta' *force majeure*, id-detentur tal-liċenzja għandu jħallas lill-awtorità kompetenti ammont speċifiku fir-rigward tal-kwantità li għaliha l-obbligu ta' esportazzjoni li jirriżulta mil-liċenzja ta' l-esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 11(2) ma jkunux ġie sodisfatt, jekk il-garanzija msemmija fl-Artikolu 5(1) tkun inqas mid-differenza bejn ir-rifużjoni ta' l-esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 33(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006 fis-seħħ fl-aħħar jum tal-validità tal-liċenzja, u r-rifużjoni indikata fuq dik il-liċenzja.

L-ammont li għandu jitħallas imsemmi fl-ewwel subparagrafu għandu jkun daqs id-differenza bejn id-differenza msemmija fl-ewwel subparagrafu u l-garanzija msemmija fl-Artikolu 5(1).

Artikolu 13

Ir-Regolament (KE) Nru 958/2006 huwa b'dan revokat b'effett mill-1 ta' Awwissu 2007.

Artikolu 14

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.